## TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Numru 2189**

Kaz Nru: 2941 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Christianne Borg

u

FIMBank p.l.c (C I 7003)

Illum: 6 ta' Dicembru, 2012

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## INTRODUZZJONI

B'dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-Qrati Superjuri fl-20 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jiddikkjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha b'effett mill- 24 ta' Marzu 2011 mis-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta u ghaldaqstant r-rikorrenti ghandha tinghata dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi u skond il-ligi.

Is-socjeta' ntimata, fir-risposta taghha tat-30 ta' Settemebru 2011, esponiet u qed issostni li l-impjieg tar-rikorrenti gie mitmum fl-24 ta' Marzu 2011 skond il-ligi taht kuntratt definit u li kien jaghlaq fit-31 ta' Marzu 2011. Is-socjeta' ntimata ssostni li ma ghamlet xejn illegali meta sar qbil kontrattwali u legali biex il-kuntratt ta' mpieg ghal zmien indefinit jigi mitmun u floku gie ffirmat kuntratt iehor ghal zmien fiss ta' tlett xhur liema kuntratt r-rikorrenti dahlet ghalih volontarjament u dan sar qabel tmiem il-probation. Ghaldaqstant is-socjeta' ntimata qed titlob li dan it-Tribunal biex jiddikjara li l-impjieg tar-rikorrent gie tterminat skond il-ligi peress li saret terminazzjoni ta' kuntratt fiss skond il-ligi u li ghalhekk l-impjieg tar-rikorrenti ma giex terminat b'mod ingust.

**Fatti**

Is-Socjeta' ntimata mpjegat lir-rikorrenti nhar it-12 ta' April 2010 fuq kuntratt ta' mpjieg indefinit bi *probationary period* ta' sitt xhur.

Fil-11 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrenti giet infurmata mis-Sur Bruno Cassar, Group Head HR, li l-kuntratt se jigi mibdul ghal wiehed defint u li se jkun jaghlaq fil-31 ta' Dicembru 2010, jigifieri kuntratt definit ta' tlett xhur. Fl-istess ittra s-Sur Cassar kiteb li dan qed isir biex il-bank ikollu aktar zmien biex jevalwa ir-rendikont tar-rikorrenti u biex ukoll ir-rikorrenti jkollha l-opportunita li ttejjeb xogholha, l-iktar biex taqdi dmirijietha b'aktar urgenza. Qallilha ukoll biex izzomm kuntatt kontinwu mas-Sinjorina Doreen De Marco li kienet is-superjur dirett tar-rikorrenti, sabiex taccetta li xogholha jkun tal-livell mixtieq. (Dok C).

Fil-31 ta' Dicembru 2010, Cassar rega' kiteb lir-rikorrenti wara li saret laqgha bejn Cassar, De Marco u r-rikorrenti li l-kuntratt definit kien qed jigi estiz sa 31 ta' Marzu 2011 ghaliex il-bank kien ghadu ma nnotax it-titjib mixtieq u allura kien se jkompli jgedded il-kuntratt definit.

Fl-ittra r-rikorrenti giet avzata biex turi iktar inizjattiva, iktar urgenza u li tmexxi ahjar "ir-reception desk" minghajr problemi specjalment meta s-Sinjorina Jackie Abdilla, il-kollega tar-rikorrenti ma tkunx xoghol. Fl-ittra Cassar qal li lejn tmiem Frar 2011 terga ssir laqgha simili biex jigi discuss ir-rendikont tar-rikorrenti. Fl-ittra, Cassar rega' nforma lir-rikorrenti biex izzomm djalogu kostanti ma Demarco biex jigi accertat il-kejl tar-rendikont tar-rikorrenti. (DOK D).

Dok E juri email li rceviet ir-rikorrenti minghand is-Sinjura Claire Blake, segretarja jew skrivan ma' Cassar, fejn infurmat lir-rikorrenti li l-ahhar gurnata xoghol taghha kienet se tkun l-24 ta' Marzu 2011. Irringrazzjtha tas-servizz u xtaqitilha kull success ghal futur. Maghha spiccaw zewg persuni ohra filwaqt li gew ingaggati erba' ohra fosthom persuna biex tahdem fir-" Reception". Fl-24 ta' Marzu 2011, Cassar kiteb ghar-rikorrenti ittra ta' referenza fejn qal li dejjem ghamlet hilitha fil-qadi ta' dmirijietha, kienet puntwali, edukata u dejjem marret tajjeb ma' l-istaff u l-klijenti. Qal fl-ittra li hi (r-rikorrenti) irrezenjat min jeddha.

Fid-dikjarazzjonijiet tal-kaz ir-rikorrenti bdiet biex spjegat kif giet impjegata fuq kuntratt indefinit b'sitt xhur probation. Qalet li ftit irceviet tahrig. Qabel it-12 ta' Ottubru 2010, id-data li kienet taghlaq il-probation, ir-rikorrenti saret taf li l-Bank kien talab l-ETC biex tohrog vacancy ghal postha. Meta l-ghada avvicinat lil Cassar, hu qallha li De Marco ma tridiex ghax kienet 'slow'. Hu wegibha li De Marco kienet is-Superjur taghha u hi tholl u torbot fuq id-decizjoni ta' l-impjieg u allura jdejh kienu marbutin. Ir-rikorrenti talbet li ssir laqgha quddiem De Marco biex tichad dan, imma din ma sehhitx. Cassar qallha li wara tlett xhur probation kien ircieva kummenti tajbin minn De Marco wara li baghtilha email biex isaqsi kif sejra. Ir-rikorrenti kompliet li kienet infurmata li l-kuntratt indefinit kien qed jigi mwaqqaf ma' l-gheluq tal-probation u giet offruta kuntratt definit ta' tlett xhur.

Ir-rikorrenti tghid li f'dawn l-ewwel tlett xhur ta' kuntratt definit kienet tigi nsultentata min De Marco fosthom ghajjritha skansa facendi u li kienet ttattakka kollegi personali b'cajt goff. Ir-rikorrenti talbet lil De Marco biex tlaqqahha ma min kien urtat imma qaltilha "li ma trid tugza lil hadd". Fl-appraisal ta' Dicembru 2010, De Marco mmarkat kollox fin-negattiv izda l-kuntratt xorta gie estiz sa Marzu 2011. Dan gie ofrut fit- tieni gimgha ta' Jannar 2011 fejn ir-

rikorrenti oggezzjonat ghan-nuqqas ta' sigurta' u cahda biex ir-rikorrenti taghmel il-pjanijiet personali, kif ukoll, skond ir-rikorrenti, li dan kollu tellifha milli ssib impjieg aktar sikur.

Il-laqgha mweghda fl-ittra ta' 31 ta' Dicembru 2010 minn Cassar qatt ma saret u r-rikorrenti, fi Frar 2011 innutat li kienu qed isiru intervisti ghal post taghha. Ir-rikorrenti dak inhar stess gharfet lil Cassar li qallha li dment li l-President tal-Bank kellha fiducja f'De Marco hu ma setghax jiehu passi. Wara r-rikorrenti kellmet lid-Deputy to the President u lil Chief Financial Officer li t-tnejn urew id-dispjacir taghhom u li Cassar kien naqas fl-obligu tieghu fir rwol bhala Head Human Resources.

Fid-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti ikkonkludiet li kienet qed tressaq il-kaz ghaliex thoss li nkissru d-drittijiet tax-xoghol taghha meta l-kuntratt indefinit gie terminat u s-socjeta' mpjegata fuq kuntratt definit.

Is-socjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrent bdiet tahdem maghha nhar it-12 ta' April 2010 fuq kuntratt indefinit. Qabel ghaddew is-sitt xhur probation gie miftiehem bejn il-partijiet li l-kuntratt indefinit jitwaqqaf mis-socjeta' ntimata waqt il-perjodu ta' prova u sar kuntratt mill-gdid ghal terminu definit ta' tlett xhur. Wara li ghalaq dan l-ewwel kuntratt definit kien sar iehor li kien jaghlaq fit 31 ta' Marzu 2011.

Illi, l-kumpanija ma ghamlet xejn illegali jew li jmur kontra l-provedimenti tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta jew ligi ohra meta sar qbil kontrattwali u legali biex il-kuntratt t'impjieg ghal zmien indefinit jigi mitmun u floku jigi iffirmat kuntratt iehor ghal zmien fiss. Is-socjeta' kompliet tiddikjara li r-rikorrenti dahlet ghal kuntratt t'impjieg voluntarjament u taghat il-kunsens taghha b'mod liberu u bla vizzju.

Illi it-Termination Forms mibghuta mis-socjeta' ntimata lil ETC jikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti tal-kumpanija (DOK FBI). Skond dawn il-formoli r-raguni ghaliex l-ewwel kuntratt ta' impjieg indefinit gie tterminat kienet "termination during probation", filwaqt li r-raguni ghaliex l-ahhar zewg kuntratti t'impjieg definiti gew terminati kienet 'end of contract'. Is-socjeta' ntimata ghaldaqstant issostni li kollox sar skond il-ligi u li l-impjieg tar-rikorrenti ma giex terminat b'mod ingust.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xhedu is-Sur Bruno Cassar - Head Human Resources u s-Sinjorina Christianne Borg – ir-rikorrenti. Diversi dokumenti gew ipprezentati fosthom dawk imsemmija taht il-fatti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u Decizjoni</u>**

It-Tribunal jirreferi ghan-nota pprezentata mir-rikorrenti datata 7 ta' Mejju 2012. It-Tribunal ma jistax jikkonsidra l-kontenut tan-nota. L-ewwel ghaliex it-trattazzjonijet finali kienu ga saru u l-provi kienu maghluqa u t-tieni ghaliex t-Tribunal irid japplika l-ligi applikabli meta l-kwistjoni giet intavolata quddiem dan it- Tribunal.

L-argumentazzjoni principali tar-rikorrenti kienet li z-zmien ta’ prova kien messu gie estiz wara l-ewwel sitt xhur. Is-socjeta’ minflok, ftehmet mar-rikorrenti u taghtha kuntratt definit ta’ tlett xhur. Ir-rikorrenti sostniet li din tmur kontra l-prassi morali u anke argumentat li hi forma ta’ prekarjat. Ir-rikorrenti sostniet li kieku l-impjieg gie terminat fl-ewwel sitt xhur ma kienx hemm kontestazzjoni. Is-socjeta’ sahqet li hi mxiet dejjem skond il-ligi li fit-trattazzjoni dan ukoll gie sostnut mir-rikorrenti.

Wara li studja l-provi u d-dokumenti esibiti mis-socjeta’, it-Tribunal jinnota nuqqas ta’ professjonalita fit-tmexxija tar-Rizorsi Umani. Il-grad tar-rikorrenti kien tali li s-socjeta’ ghandha tiddeciedi f’sitt xhur jekk l-impjegata hiex tajba biex tkompli jew le, kif ukoll mhux prassi li haddiem jinqaleb fuq kuntratt definit fl-ahhar tal-prova bl-intenzjoni li jerga xi darba jinqaleb indefinit kif mhux floku ukoll li ssir ittra ta’ referenza li tikkonkludi li r-rikorrenti irrezenjat minn jeddha.

Madanakollu l-ligi hija suprema u t-Tribunal irid jimxi skond il-Ligi.

Is-socjeta’ ntimata mxiet skond il-ligi u ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddecdiedi li t-terminazzjoni ta’l-impjieg saret skond il-ligi.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjoni ta’ facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal finijiet ta’ l-Avviz legali 48 tal 1986 jistabillixxi drittijiet ta’ min assista lil partijiet fl-ammont ta’ tlieta u disghin euro u sbatax il-centezmu. (€93.17)

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**